jew tnejn kien jinqala' nkwiet im-ħabba li l-pajjiżi mhux dejjem jaqblu li flushom jgħaddu għal pajjiż ieħor.

Meta twieled Ġesù fil-Lhudija, min kien jaħkem kellu ta' bil-fors jagħti kas tal-Lhud tad-Dijaspora. Min-għajrhom kien biss jaħkem nofs im-peru u mhux wieħed sħiħ.

NORBERT ELLUL VINCENTI, O.F.M.

# KTIEB IL-GHERF

## IL-KTIEB U L-IMPORTANZA TIEGHU

"Imma kif tbiddlet id-dinja!" Din l-espressjoni tista' tismagħha kullimkien. U veru li tbiddlet id-dinja. Tbiddlet f'kollox. F'dak li hu materjali sar progress kbir. Għandna l-ajruplani, karozzi bir-radam, kumditajiet kemm trid u wasalna nitilgħu fil-qamar! Kulħadd jiekol, jilbes mill-aħjar u jiddeverti kemm jista'. Imma f'dak li jmiss lir-ruħ sar xi regress ukoll. Ix-xjuħ tagħna jgħidu li morna għall-agħar. Hawn il-moda li ma tantx tiġbdek lejn Alla. Issib divertimenti li jġiegħluk tinsa l-ħajja tar-ruħ. F'ħafna t-twemmin naqas ġmielu, meta ma għebx għal kollox. Il-qassisin, patrijiet u sorijiet qed jonqsu bil-minuti fid-dinja ta' żmienna.

Dan kollu minnu, imma mhux l-ewwel darba li ġara hekk fl-istorja tal-bniedem. Fl-aħħar mitt sena qabel ma ġie Kristu fid-dinja l-ħajja kienet tixbaħ ħafna lil dik ta' żminijietna, speċjalment fl-Eġittu. Kien hemm progress kbir: ma kienx hemm ajruplani u karozzi, imma kien hemm ħwejjeġ oħra. U bħallum, il-bniedem kien għamel regress kbir spiritwali. Għax is-sbuħija tal-ħajja materjali bdiet tnissieh il-ħajja tar-ruħ. U ħafna bdew jitilfu l-fidi, speċjalment fost il-Lhud li kellhom il-vera fidi.

F'dak iż-żmien imbiegħed għex raġel tar-ruħ li, bħax-xjuħ tagħna, ma kienx soddisfatt bil-progress materjali u r-regress morali ta' żmienu. Dan il-bniedem tajjeb kien Lhudi mill-Eġittu u li kien joqgħod f'Lixandra fejn id-dinja kienet maqluba ftit jew wisq bħal tagħna. Ma nafux x'kien jismu dal-bniedem, imma nafu sewwa kif kien jaħsibha. Immedita fuq il-għawġ ta' żmienu u lemaħ f'liema periklu kienu jinsabu ħutu l-Lhud. Ta' raġel qaddis li kien ma żammx l-għerf spiritwali tiegħu għalih biss, imma niżżlu f'naqra ta' ktieb li għamel ġid kbir lil dawk kollha li qrawh. U dal-ktieb jista' jagħmel ġid kbir lilna wkoll jekk naqrawh tajjeb u niflu t-tagħlim sabiħ tiegħu.

### *IŻ-ŻMIEN U L-ISKOP TA' KTIEB IL-GHERF*

Għedna li l-ktieb inkiteb għall-ħabta tas-sena 100 qabel Kristu minn raġel tajjeb li kien igħix f'Lixandra tal-Eġittu. Għedna wkoll li dar-raġel kien Lhudi, imma kien jaf tajjeb il-Grieg u fuq il-kultura Griega (ellenistika) kemm għax din il-kultura kienet mifruxa mad-dinja ta' żmienu, u aktar għax Lixandra

ta' dak iż-żmien kienet miżgħuda bil-Griegi. U, billi l-Lhud ta' Lixandra kienu kollha jafu bil-Grieg, dar-raġel kiteb bil-Grieg. Il-Grieg tal-kittieb ma kienx xi Grieg imfarrak, imma mill-isbaħ li wieħed jista' jaqra: dan jidher ċar mill-ktieb stess li fih tant proprjetajiet partikolari tal-lingwa Griega li ma setax ikun traduzzjoni mil-Lhudi.

Iż-żmien li fih inkiteb il-ktieb kien żmien ta' kriżi morali u spiritwali għal-Lhud twajba. Għaliex? L-ewwelnett għax f'Lixandra n-nies kienu ngħataw għat-tlellix tal-ħajja. Il-flus ma kenux jonqsu. In-nisa bdew jaħsbu aktar fuq il-moda milli biex jagħtu 'l uliedhom ir-reliġjon vera. U meta n-nisa jkunu mtajrin, il-familja ma tistax tibqa' f'saħħitha u hienja. Għalhekk mal-flus u l-moda daħlu vizzji oħra, sewwa sew kif qed isir fi żmienna. U l-Lhud li kienu jgħixu hemm ma setgħux ma jitteħdux mill-mard morali ta' dawk li kienu jgħammru magħhom.

Barra minn hekk, Lixandra kienet mimlija b'għorrief Griegi u bil-kitba tagħhom li ftit jew wisq kienet pagana. Ħafna Lhud bdew jisimgħu u jaqraw dak kollu li jiġi quddiemhom. Isma' llum u isma' għada, aqra llum u aqra għada, il-Lhud bdew jixorbu l-velenu tal-pagani mingħajr ma jridu.

Ħaġ'oħra. F'Lixandra kien hemm ukoll ħafna reliġjonijiet diversi. Kien hemm bosta neguzjanti minn kull razza li marru hemm biex jagħmlu l-flus. U fid-djar tas-sinjuri kont tara skjavi, qaddejja u ħbieb mill-Asja, mill-Ewropa u mill-Afrika. Dawn ħadu magħhom hemm ir-reliġjon tagħhom. U mat-taħlit tar-razez beda t-taħlit tar-reliġjon. U meta jiġri dan, il-moħħ jitħawwad u l-qalb titħassar.

Dan kollu li għedna ma setax ma jħassarx ħafna Lhud. Xi wħud minnhom tilfu l-fidi għal kollox. Ħafna saru materjalisti u ma bdewx jaħsbu ħlief f'dil-ħajja li tgħaddi. Oħrajn saru *xettiċi*: bdew jiddubitaw minn kollox. Il-kotra tal-Lhud saru berdin u ġew imkaxkrin mill-mewġa tal-materjaliżmu ta' żmienhom. U ġara kif qed jiġri fid-dinja tallum.

Imma fost il-ħżiena u l-berdin dejjem issib xi nies ta' rieda tajba li ma jħallux lilhom infushom jitteb-bgħu mill-kruha tal-ħażen. U anke f'Lixandra ta' qabel Kristu dawn in-nies ta' rieda tajba ma naqsux. Fost dawn insibu l-awtur ta' Ktieb il-Għerf li kiteb biex iwiddeb lil ħutu Lhud u jqawwilhom qalbhom biex igħixu sewwa u ma jidħlux fl-imrar tal-pagani. L-iskop tal-ktieb mela kien ta' ċanfira għall-ħżiena u ta' faraġ għal dawk li riedu jgħixu tajjeb. Il-ktieb ried juri f'liema niket kienu l-ħżiena ta' żmienu u għallem li Alla jieqaf ma' dawk ta' qalb safja kif kien waqaf ma' l-antenati tal-Lhud meta ħarġu mill-Eġittu fi żmien Mosè, mijiet ta' snin qabel.

## *L-IMPORTANZA TAL-KTIEB*

Ktieb ta' dil-kwalità ma setax ma jiġix magħruf u apprezzat minn ħafna qarrejja. Kif sejrin naraw 'il quddiem, it-tagħlim tal-ktieb hu tassew oriġinali (għalkemm mhux kollu, imma ħafna minnu). U dat-tagħlim oriġinali fih libsa sabiħa, mhux mixħut kif ġie ġie. Fih dik li jsejħulha "simmetrija kwantitativa": għadd ta' vrus meqjusin tajjeb (*monostiċi*, *distiċi* u *tristiċi*); u fih ukoll is-simmetrija l-oħra li jgħidulha "kwalitativa": it-tagħlim huwa mqassam tajjeb u bbilanċjat fiż-żewġ

taqsimiet tal-ktieb li fuqhom dalwaqt nitkellmu.

Minħabba f'dan li għedna l-ewwel Insara kienu jgħożżu ferm dan il-ktieb u kienu jaqrawh spiss fil-laqgħat tagħhom. Tant hu hekk li fil-lista tal-Kotba Mqaddsa ta' l-ewwel Insara dal-ktieb insibuh fost il-kotba tal-Ġdid Testment (ara l-*Framment Muratorjanu*): dan ma jfissirx li l-ewwel Insara kienu jaħsbu li Ktieb il-Għerf inkiteb wara Kristu, imma jfisser li huma kienu tant jgħożżuh li qegħduh fost il-kotba l-aktar għeżież li kellhom.

## *SALAMUN U L-AWTUR TAL-KTIEB*

Għedna li l-awtur kien Lhudi minn Lixandra li għex xi mitt sena qabel Kristu. Allura kif il-manuskritti tat-traduzzjoni Griega tat-Testment il-Qadim (LXX) jiftħu l-ktieb b'dan it-titlu "L-Għerf ta' Salamun"? Kif nafu, Salamun għex fuq id-900 sena qabel Kristu. Mela kif inqabblu dak li għedna aħna (li l-ktieb inkiteb xi mitt sena qabel Kristu) ma' dak li jgħidulna l-manuskritti tat-traduzzjoni Griega (li l-awtur kien Salamun)?

Li l-awtur ma kienx Salamun hija ħaġa ċara. Mill-ktieb stess jidher ċar li l-oriġinal tal-ktieb kien bil-Grieg, u Salamun ma kienx jaf bil-Grieg. Barra minn hekk, il-ktieb fih idejat meħudin mill-filosofija Griega ta' ftit snin qabel Kristu, u fih ukoll kliem Griegi li kienu fl-użu f'dan l-istess żmien li semmejna; u Salamun ma setax ikun jaf b'dawn l-idejat u lanqas ma seta' juża dal-kliem.

Ir-raġuni li għaliha l-manuskritti Griegi jgħidu li l-għerf li fih il-ktieb huwa ta' Salamun hija din: Salamun kien dejjem meqjus fil-moviment tal-għerf Lhudi bħala l-patrun u bħala l-għaref idejali. Għalhekk mela l-awtur inħeba wara d-dell ta' Salamun u l-qarrejja tal-ktieb ħarsu lejn l-għerf tal-ktieb bħala l-għerf ta' Salamun. Dan jiġi kkonfermat minn dak li jgħidilna l-*Framment Muratorjanu*: "Ktieb il-Għerf miktub mill-ħbieb ta' Salamun ad unur tiegħu". Dawn il-ħbieb ma kenux nies li għexu fi żmien Salamun, imma kienu d-dixxipli mbegħda ta' Salamun. Mela kien wieħed li kiteb dal-ktieb (ħabib), jew ħafna (ħbieb)? L-istil tal-ktieb juri id waħda, mela kien wieħed. Kien wieħed li ġabar l-għerf kollu ta' sħabu fil-moviment tal-għorrief ta' żmienu li dawn kienu d-dixxipli mbegħda tal-kbir patrun tal-għerf Lhudi, Salamun.

## *IT-TAQSIM U L-GĦAMLA LETTERARJA TAL-KTIEB*

Il-ktieb fih żewġ taqsimiet ewlenin:
a) L-ewwel taqsima (minn kap 1 sa kap 10) hija f'għamla ta' priedka popolari, imfassla fuq it-taħditiet li kienu jagħmlu bejniethom l-għorrief Stojċi. Xi daqqiet fiha poeżija mill-isbaħ (bħal fil-kapitli il-5, u 9), xi daqqiet le. Billi dil-"priedka" hija artifiċjali ħafna, jidher ċar li ħadd qatt ma ppriedkha, imma ġiet imniżżla fil-kitba biss.

Dit-taħdita popolari tiftaħ, tissokta u tagħlaq b'tifħir kbir lill-għerf u ġġib lill-għaref sultan Salamun bħala x-xbieha tal-veru għaref. Fiha ħafna tagħlimiet li fuqhom sejrin nitħaddtu 'l quddiem.

b) It-tieni taqsima (minn kap 11 sa kap 19) hija f'għamla ta' omelija. Dil-biċċa wkoll fiha xi kapitli mimlijin b'poeżija mill-isbaħ (kapitli 11-12, u 'l hawn u 'l hemm fil-kapitli 13-19). Din l-omelija, bħall-priedka

ta' qabilha, qatt ma ġiet ippriedkata lill-poplu.

Hawn il-kittieb ifakkar fil-mirakli li għamel Alla mal-poplu tiegħu wara l-ħarġa mill-Eġittu u l-għan tagħha hu li n-nies ta' żmien il-kittieb ma kellhomx għalfejn jaqtgħu qalbhom mill-kobor u l-imħabba t'Alla lejhom u lejn uliedhom.

*IT-TAGĦLIM TAL-KTIEB*

Il-ktieb fih ħafna tagħlim sabiħ. It-tagħlim ewlieni huwa dan li ġej:

a) Il-bniedem ġust isib il-premju tiegħu wara dil-ħajja fil-għaqda tiegħu mal-Ħallieq (l-ewwel taqsima). L-għaqda m'Alla wara l-mewt hija d-destin ewlieni tal-bniedem. Hawn għall-ewwel darba fl-Antik Testment insibu tagħlim ċar u żviluppat fuq l-immortalità tar-ruħ u fuq id-destin etern tagħha. Il-kittieb ħa dat-tagħlim (bid-dawl t'Alla) minn xi biċċiet oħra tat-Testment il-Qadim, speċjalment minn xi Salmi (Salmi 16:9-11; 49:16; 73:23-24), fejn (dat-tagħlim) kienu għadu mudlam. Ħafna għorrief jaħsbu li f'dat-tagħlim l-awtur ġie mgħejjun ukoll mid-duttrina tal-għorrief Griegi fuq il-ġisem u r-ruħ; u dan jista' jkun ukoll.

b) L-Għerf t'Alla jidher ukoll bħala *persuna fil-ħolqien* (1:4). Dan l-għerf qiegħed imexxi d-dinja (7:22-8:1), idaħħal il-bniedem fil-misteri t'Alla (8:4) u jgħallem il-bniedem il-virtujiet kardinali (8:7). Meta l-awtur jitħaddet fuq dan l-għerf huwa jifhem l-Ispirtu t'Alla u (mingħajr ma jaf) ihejji l-bniedem biex jagħraf it-tagħlim tal-Ġdid Testment fuq it-Trinità Mqaddsa.

ċ) Il-bniedem jista' jkun għaref ukoll bl-istudju tal-ħajja ta' madwaru (7:17-20), imma l-veru għerf hija l-ħajja qaddisa li tmexxina lejn il-ħajja ta' dejjem. L-għerf tal-ħajja qaddisa huwa rigal li jiġi mogħti lilna minn Alla u huwa enerġija kbira (mhux biss idejal ta' ħajja) li jeħtieġ li nħaddmuha u nħalluha tikber u tagħmel il-frott tagħha.

d) Il-bniedem għandu jittama f'Alla (it-tieni taqsima) għax Alla huwa dejjem preżenti fil-ġrajjiet tal-istorja tal-bniedem u, bħal ma għamel meta ħeles il-Lhud mill-jasar ta' l-Eġittu, hekk Hu dejjem lest biex jieqaf mal-bniedem.

*GĦELUQ*

Kif stajt tara, dan huwa wieħed mill-isbaħ kotba tal-Bibbja għax fih tagħlim li jiswa ħafna għall-ħajja li llum qegħdin ngħixu fiha. Agħmel ħiltek li taqra bil-mod dal-ktieb, ixtarr it-tagħlim tiegħu u qis li tagħmel dak li taqra fih waqt li, bl-eżempji tajba tiegħek, tħajjar lil ħaddieħor biex jimxi wara dar-raġel qaddis Lhudi.

P. GUIDO SCHEMBRI,
O.F.M.

## WIRE F'JUM IL-ĠUDIZZJU

Tbati bl-uġigħ ta' ras? Imma fil-jum tal-ġudizzju ma tridx tħossu jekk trid tmur is-sema. Il-Musulmani jgħidu li f'dak il-jum fuq il-wied ta' Gosafat jintrabat wire bejn waħda mill-kolonni tal-Moskea ta' Omar, li fuqha jpoġġi Mawmettu u l-quċċata tal-muntanja taż-Żebbuġ fejn joqgħod Ġesù. Il-bnedmin kollha jridu jgħaddu minn naħa għal oħra tal-wied minn fuq dan il-wire. It-tajbin, mgħejjuna mill-anġli, jgħaddu f'ħemża ta' għajn, filwaqt il-ħżiena jaqgħu ġol-abissi.